BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Metalli Oħra

## 2020-2029

MALTA COIN CENTRE

**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

# Il-50 Anniversarju tal-Forzi Armati ta' Malta




2020

| | |
|---|---|
| **Tip** | Kupronikil |
| **Denominazzjoni** | €5 |
| **Dijametru** | 38.61mm |
| **Piż Gross** | |
| **Finezza** | - |
| **Disinjatur** | CBM & AFM |
| **Zekka** | Royal Dutch Mint |
| **Stampar** | 10,000 |

L-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta daħal fis-seħħ fit-22 ta' Settembru 1970 "*sabiex jitwaqqfu u jinżammu forzi armati f'Malta u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' hekk u anċillari għal hekk*". B'dan l-istrument, Malta setgħet twaqqaf l-armata permanenti tagħha.

Fl-1 ta' Ottubru 1970, 500 uffiċjal Malti u membri tar-Royal Malta Artillery, reġiment antik u distint, ma baqgħux jiffurmaw parti mill-British Army u saru parti mill-Malta Land Force, li ftit taż-żmien wara saret magħrufa bħala l-Forzi Armati ta' Malta.

Fuq in-naħa ta' wara, il-muniti juru l-arma reġimentali tal-Forzi Armati ta' Malta bi sfond aħmar fuq il-blu. Fuq in-naħa ta' quddiem tidher l-istemma araldika tar-Repubblika ta' Malta flimkien mas-sena tal-ħruġ.